**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 117/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Christopher Zammit**

Illum, 27 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Christopher Zammit, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 20483(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Ġunju 2022, għall-ħabta ta' 11:00am fi Triq Aldo Moro, Marsa:

i) Saq l-imsemmija vettura nru. AHQ-082 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;
ii) Waqt li kien qed isuq vettura nru. AHQ-082, kien qed izzomm u/jew juza b'idejh telefon ċellulari jew xi apparat simili ieħor li jinzamm fl-idejn fil-waqt li l-vettura kienet miexja.

Rat li nhar l-14 ta' Frar 2023, il-Prosekuzzjoni irtirat it-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Frar 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu relevanti tal-liġi ossia l-Art.

15(1)(a) tal-Kap. 65, sabet lill-imputat ħati tal-unika imputazzjoni li kien fadal kontra tiegħu u kkundanatu jħallas multa ta' tlett mitt Ewro. B'zieda mal-piena, il-Qorti skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tmint ijiem.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fis-27 ta' Frar 2023 fejn talab lil din l-Qorti sabiex tikkanċella s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravvju ventilat mill-appellant huwa jqanqal l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem*. Jisħaq illi ġaladarba kien mixli quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja bir-reat ta' sewqan ta' vettura filwaqt li kien qed iżomm telefon ċellulari fid-data u fil-ħin tal-inċident *de quo*, huwa ma seta' qatt jitressaq mill-ġdid quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mixli b'reat ieħor kommess fl-istess żmien temporali u ċirkostanzi, u ċioe' illi kien qed isuq mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan.

Illi, mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-appellant kien ġie ngħunt mill-Aġenzija LESA sabiex jidher quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja mixli talli nhar is-17 ta' Ġunju 2022, fil-11:05, fi Triq Aldo Moro, Marsa, saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, waqt li kien qed izomm jew juza' b'idejh telefon ċellulari, jew xi apparat ieħor simili li jinzamm fl-idejn. Jirriżulta ukoll li nstabet ħtija fl-appellant rigward din il-kontravvenzjoni, u kien ikkundannat multa ta' mitt Ewro.

Illi dan il-fatt inġieb a konjizzjoni tal-Ewwel Qorti fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Frar 2023 meta l-appellant, qanqal l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem*, tant illi dan wassal lill-

Prosekuzzjoni tirtira t-tieni mputazzjoni billi din kienet *res judicata*. Illi l-Ewwel Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni billi qieset illi ż-żewġ reati kienu "materjalment distingwibbli."

**Ikkunsidrat:**

Illi il-prinċipju tan-*ne bis in idem* jinsab imħaddan mhux biss fid-dritt penali tagħna u ċioe' fil-Kodiċi Kriminali izda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Illum, bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja dan il-prinċipju jinsab imħaddan ukoll fl-artikolu 50 tac-*Charter of Fundamental Rights of the European Union* li jaqra hekk:

> **"L-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi".**

Illi, l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra testwalment –

> **"Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun soggett ghal kawza ohra."**

Illi, għalhekk, dana l-artikolu jippostula zewġ elementi importanti u ċioe' li fl-ewwel lok irid ikun hemm sentenza fejn l-individwu jiġi lliberat mill-akkuzi u fit-tieni lok illi l-persuna ma tiġix sottoposta għal proċeduri ġodda dwar l-istess fatt u mhux l-istess reat, kuntrarjament għal jedd imħares mill-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni Ewropeja li jitkellmu dwar "ir-reat".

Illi, il-Qrati nostrani dejjem applikaw it-test biex wieħed jistabbilixxi jekk hix applikabbli l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*, bħala dak iċċitat fid-deċizjoni "Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea" [15.6.1918] fejn intqal li –

> **"un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" e' quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra . "The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to**

**support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first."[1]**

Illi, sentenza oħra li tagħmel esposizzjoni tajba ta' dana il-principju kif jinsab imħaddan fil-liġi tagħna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali hija dik mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin –

**"... Il-principju tan-ne bis in idem imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process. .... Illi dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lil-persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwasew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-ne bis in idem ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghallprotezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali."**

Illi, kif mistqarr mill-kompjant Imħallef William Harding għar-rigward tat-tħaddim tar-regola *ne bis in idem* –

**"The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge but founded on the same act."**

Illi, in oltre, fis-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet Il-Pulizija kontra George Azzopardi [23 ta' Jannar 2014] ingħad li –

**"L-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata din id-dicitura hi li persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghal akkuzi li dwarhom già ghadda in gudikat jekk l-akkuzi godda setghu jigu inkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza." (enfazi ta' dina l-Qorti)**

Illi, esposti dan l-insenjament ġuridiku huwa evidenti li l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant dwar sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan valida, bl-ebda mod ma tista tkun meqjusa bħala kompriza u involuta jew alternattiva għall-imputazzjoni li hu kien qed isuq bit-telefon ċellulari f'idejh. *In oltre*, huwa fl-ebda ħin ma ġie

[1] Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Imhallef Galea Debono) deċiza fis-17 ta' Marzu 2008 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Nicolai Magrin".

ssindikat jew ikkundannat dwar il-fatt li kien allegatament qed isuq vettura meta ma kellux liċenzja tas-sewqan, fatt għal kollox distingwibbli, kif tajjeb iddeċidiet l-Ewwel Qorti minn l-użu ta' telefon ċellulari waqt is-sewqan. Għalhekk dina l-Qorti hija ta' l-istess fehma bħall-Ewwel Qorti qabilha, u ċioe' li z-zewġ akkuzi oriġinarjament dedotti fil-konfront tal-appellant, huma distinti minn xulxin u għaldaqstant l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* f'dan il-kuntest mhix waħda sostennibbli.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant iressaq aggravju fil-mertu fejn jisħaq li l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u li dwarha instabet il-ħtija ma ġietx ippruvata. Jikkontendi illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq prova dwar in-natura u l-piż tat-*trailer* li kien qed jiġbed u għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx b'mod legali u raġonevoli tasal għall-konkluzjoni li l-appellant għas-sewqan tiegħu fil-jum u l-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni kellu bzonn il-kategorija tal-liċenzja CE.

Illi mill-*affidavit* redatt minn PS 1043 J. Mallia, jirriżulta li nhar is-17 ta' Ġunju 2022, għall-ħabta ta' 11:01am, fi Triq Aldo Moro, l-Marsa, huwa lemaħ lill-appellant isuq truck li kien qed jġorr *trailer*. PS 1043 jgħid ukoll li l-appellant ma kellu fuqu ebda dokument ta' identifikazzjoni u lanqas il-liċenzja tas-sewqan tiegħu. Minn stħarriġ magħmul mal-*Control Room a tempo vergine* infatti rriżulta li l-appellant ma kellux il-liċenzja neċessarja biex isuq *trailer* – u ċioe' il-liċenzja CE. Meta ġie mitkellem, l-appellant saħaq li huwa kien ġie mġiegħel mill-imgħallem tiegħu biex jiġbor it-*trailer*, hu u ġej mingħand il-*mechanic* biz-ziemel. Illi, sussegwentement kien irrikorra fuq il-post Brian Schembri, li miegħu kien jaħdem l-appellant, u li kellu l-liċenzja neċessarja sabiex isuq it-*trailer* in kwistjoni. Meta mitkellem mill-pulizija Brian Schembri stqarr illi kien jaf li l-appellant ma kellux liċenzja tas-ssewqan biex isuq it-*truck*.

Illi, sussegwentement l-appellant, nhar it-18 ta' Ġunju 2022, kien irrikorra għand il-Pulizija bid-dokumenti kollha mitluba minnu, u wara li ngħata d-drittijiet kollha lilu spettanti skont il-liġi, minn stħarriġ ulterjuri li sar irriżulta li filfatt huwa ma kellux il-liċenzja CE biex isuq żiemel waqt li kien qed iġġorr *trailer*. Dan kollu kien ikkonfermat

mill-kopja tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellant ippreżentata in atti li tindika illi ma għandux fil-pusess tiegħu il-kategorija ta' liċenzja CE meħtieġa. *In oltre*, l-*affidavit* redatt mir-rapprezentant ta' Transport Malta Stephen Cachia jikkorrobora dan il-fatt meta jixhed illi:

> **Minn indaġni li għamilt fir-records tal-Awtorita', irrizulta illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AHQ 082, tal-marka DAF Tractor Unit, fis-17 ta' Ġunju 2022, kienet reġistrata fuq Antoine Schembri, detentur tal-karta ta' l-identita' 35269(M) għan-nom ta' Schembri Bros. Din il-vettura ilha hekk irreġistrata mill-25 ta' Frar 2020.**
>
> **Inoltre, irrizulta ukoll illi Christopher Zammit detentur tal-karta tal-identita 20483(M), fis-17 ta' Ġunju 2022, ma kellux il-kategorija ta' liċenzja tas-sewqan neċessarja, ċioe dik ta' CE, sabiex isuq l-imsemmija vettura.**

Illi mill-verbal ts-seduta tal-14 ta' Frar 2023, jirriżulta illi "**L-imputat iddikjara li ma jiħtieġx li jikkontro-ezamina lil Stephen Cachia**".

Illi, għalhekk, huwa inkontestat illi l-appellant kien qiegħed isuq vettura li kienet qed iġġorr *trailer*. Issa l-liċenzja kategorija CE hija meħtieġa għal sewqan ta':

> **... kombinazzjonijiet ta' vetturi fejn il-vettura li tiġbed tkun fil-kategorija C u l-karru jew semikarru tagħha jkollu massa massima awtorizzata ta' iżjed minn 750 kg.**[2]

L-appellant jikkontendi illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova dwar il-piż tal-karru jew *trailer* sabiex b'hekk ma huwiex ċar jekk l-appellant kellux bżonn din il-kategorija ta' liċenzja jew inkella xi kategorja oħra bħal kategorija C li titkellem dwar "***vetturi bil-mutur minbarra dawk fil-kategoriji D1 jew D, li l-massa massima awtorizzata tagħhom tkun iżjed minn 3,500 kg u li huma maħsuba u mibnija għall-ġarr ta' mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq. Vetturi bil-mutur f'din il-kategorija jistgħu jiġu kombinati ma' karru li jkollu massa massima awtorizzata li ma tkunx iżjed minn 750 kg.***"

Illi mit-terminoloġija użata mil-leġislatur fir-rigward ta' dawn iż-żewġ kategoriji ta' liċenzji u l-vetturi lil jkopru, huwa evidenti mill-provi akkwiżiti in atti illi l-appellant kien interċettat mill-pulizija isuq vettura li kienet qed iġġorr *trailer* u li għalhekk taqa' fil-kategorija tal-liċenzji CE u mhux C billi ma jidhirx illi t-tip ta' vettura li kien qed

[2] Ara l-Ewwel Skeda tal-L.S. 65.18

isuq l-appellant, u ċioe' *DAF truck*, tippermetti numru ta' 8 passiġġieri minbarra is-sewwieq. Mhux biss, iżda Stephen Cachia, rappreżentant ta' Transport Malta jixhed illi minn indaġini magħmula minnu fir-rigward ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AHQ082, li hija tal-għamla *DAF truck*, irriżultalu illi l-appellant ma kellux il-liċenzja tas-sewqan meħtieġa biex isuq din l-għamla ta' vettura. Għalhekk in vista tal-provi prodotti, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għad-deċizjoni ta' ħtija fir-rigward ta' din l-imputazzjoni u għalhekk it-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi wkoll miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bis-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal tmint ijiem tibda tiddekorri mid-9:00 ta' għada fil-għodu.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**